**28 ta' Mejju, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin) (Manch) D.P.A. (Lond) – President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Costantino Abela

*versus*

George Azzopardi

**Kontumaċja – Nuqqas tal-Konvenut – Sinjifikat Oriġinali u Preċiż tal-Kontumaċja – Preżenza tal-Konvenut fil-Kawża – Kontumaċja Formali u Sostanzjali**

*Is-sinjifikat oriġinali u preċiż tal-kontumaċja, fil-kommotat ġuridiku tagħha, huwa n-nuqqas tal-konvenut li jkun preżenti għall-ġudizzju u dan minħabba motivi inġustifikati inkwantu dik l-assenza tindika disubbidjenza għall-ordni tal-Qorti.*

*Il-presenza ġuridika tal-konvenut fil-kawża tfisser li huwa jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u dikjarazzjoni ġuramentata fiż-żmien stabbilit fil-liġi u meta ma jagħmilx dan u ma jiġġustifikax dik l-ommizzjoni għandu jiġi kkunsidrat kontumaċi.*

*Il-kontumaċja trid tkun formali kif ukoll sostanzjali, għax il-konvenut irid ikun assenti kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha, peress li fid-19 ta' Novembru, 1983 l-attur waqt li kien fil-"*petrol station*" tiegħu f'Mosta Road, Ħal-Lija, daħal fuqu l-konvenut, sparalu, ferieh u serqu s-somma ta' elf disa' mija u tmienja u għoxrin lira (Lm1,920); talab lil dik il-Qorti li tiddikjara 'l-konvenut responsabbli għal dik is-serqa ta' Lm1,928 u tikkundannah jirrifondi lill-attur l-istess somma; bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ottubru, 1987, li bih, wara li semgħet id-dikjarazzjoni tal-konvenut, iddikjarat lill-istess konvenut kontumaċi;

Rat is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Settembru, 1988, li fiha, fil-kontumaċja tal-konvenut, u billi x-xhieda ma tħallix dubju dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi, laqgħet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut li fiha spjega l-aggravji tiegħu hekk:

(a) li l-kontumaċja tiegħu kienet ġustifikata nkwantu waqt li huwa kien detenut fil-ħabs ċivili d-Direttur meta sejjaħlu fl-uffiċċju tiegħu urieh il-mandati li kienu ħarġu kontra tiegħu imma ma ntweriex iċ-ċitazzjoni jew l-avviż ta' l-ewwel seduta;

(b) li huwa qatt ma kien notifikat biċ-ċitazzjoni u bl-avviż tagħha. L-ewwel appuntament kien għas-26 ta' Ottubru, 1987. Ir-riferta taċ-ċitazzjoni u ta' l-avviż huma datati 4 ta' April, 1987, mentri l-*"pink card"* hija datata 2 ta' Ġunju, 1987. Iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fit-8 ta' Lulju, 1987 u ma setgħatx issir notifika tagħha qabel dik id-data;

(ċ) illi huwa, bid-digriet tal-kontumaċja ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellux l-opportunità li javvanza l-eċċezzjonijiet tiegħu;

(d) li huwa qatt ma daħal fil-*"petrol station"* ta' l-attur;

Għal dawn ir-raġunijiet, talab: (1) ir-revoka tad-digriet tas-26 ta' Ottubru, 1987, u (2) ir-revoka tas-sentenza tat-12 ta' Settembru, 1988;

Fir-risposta tiegħu, l-appellat, espona: (1) illi l-unika prova li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienet il-prova ta' l-appellant stess li huwa kien ġie muri ċitazzjoni mid-Direttur tal-Ħabs; (b) li l-kontumaċja ġiet iddikjarata għaliex l-ewwel Qorti kienet konvinta minnha wara li għamlitlu, lill-konvenut, xi domandi, hija stess;

Semgħet is-sottomissjonijiet ta' l-avukati;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

*Il-kontumaċja* hija regolata – fost oħrajn – mill-artikolu 158(9) Kap. 12;

Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni msemmija f'dan l-artikolu, il-Qorti tiddeċidi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi, kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta n-noti ta' eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni fi żmien li jmiss;

Mill-atti proċesswali jidher li dak inhar li kellha tinstema' l-kawża fis-26 ta' Ottubru, 1987 – "Deher l-attur assistit: Dehru ukoll il-partijiet; il-konvenut personalment iddikjara li **ċ-ċitazzjoni** ġiet mgħoddija lilu mid-Direttur tal-Ħabs però dan ma nfurmahx li kellu jirrispondiha fi żmien 20 jum kif miktub. Ingħata digriet";

Dan id-digriet jgħid:

"Il-Qorti:

Wara li semgħet id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Tiddikjara lill-istess konvenut kontumaċi";

Ikkunsidrat:

Is-sinjifikat oriġinali u preċiż tal-kontumaċja, fil-konnotat ġuridiku tagħha, huwa n-nuqqas tal-konvenut li jkun preżenti għall-ġudizzju u dan minħabba motivi inġustifikati inkwantu dik l-assenza tindika *disubbidjenza* għall-ordni tal-Qorti, indoċilità

tas-suġġett tad-dritt għar-rikjam ta' l-organi ġudizzjarji; renitenza għal dak li huwa obbligatorju, u allura arroganza tal-konvenut fil-konfront ta' l-Ordinament tal-Proċeduri Ġudizzjarji;

Il-preżenza tal-konvenut fil-kawża – fis-sens ġuridiku tal-kelma tfisser li huwa jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u dikjarazzjoni ġuramentata fiż-żmien stabbilit fil-liġi u meta ma jagħmilx dan **u** ma jiġġustifikax dik l-ommissjoni, għandu jiġi kkunsidrat kontumaċi: – kif kjarament tiddisponi l-liġi. Il-kontumaċja għalhekk trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest illi assenza mill-atti trid tiġi kkonfermata b'assenza ukoll mill-udjenza – biex il-konvenut jiġi ritenut bħallikieku huwa kontumaċi – fis-sens pien tal-kelma kif ingħad fuq;

Il-preżenza tal-konvenut fl-udjenza għalhekk hija indizju li l-istess konvenut mhuwiex disubbidjenti għall-ordni tal-Qorti u l-Qorti għalhekk hija fl-obbligu li tindaga jekk dik il-preżenza fl-udjenza hix ġenwina jew le, u fiha jiġi indagat jekk l-assenza fl-atti proċesswali hijiex ġustifikata jew le. Din l-indaġini hija obbligata għaliex il-konsegwenza tal-kontumaċja hija gravi inkwantu ċ-ċaħda ta' l-ordinament mill-konvenut tittieħed bħala rinunzja tal-konvenut għad-dritt tiegħu fundamentali fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja dak li jagħti r-raġunijiet tiegħu kontra dawk ir-raġunijiet li jinġiebu kontra tiegħu;

Il-ġurisprudenza għalhekk eżaminat l-istatut tal-kontumaċja u analizzat ukoll il-forom tal-ġustifikazzjoni ta' l-istess u ssir riferenza għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-kawża Cassar vs Vassallo (Volum XXIX.I.1581) fejn hemm miġbura s-sentenzi preċedenti rilevanti;

Fil-każ preżenti l-kontumaċja tal-konvenut ma kinitx kompluta, inkwantu huwa deher għall-ewwel seduta tas-26 ta' Ottubru, 1987. Il-Qorti ma ħaditx id-depożizzjoni ġuramentata tal-konvenut imma vverbalizzat id-dikjarazzjoni tiegħu fis-sens ġa kkonstat;

Id-Digriet tal-kontumaċja, inkwantu jimporta l-affermazzjoni tar-rinunzja tal-konvenut għad-dritt li jinstema' fil-ħin u fit-termini stabbiliti mil-liġi, huwa, fid-dawl tal-ġurisprudenza tagħna, ta' importanza mhux żgħira *fil-proċediment*;

Id-Digriet għalhekk, li bih il-Qorti tiċħad lil min jitlob li jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet, għandu jkollu dawk ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tibbaża d-deċiżjoni tagħha – artikoli 221(2) u 218 Kap. 12 – b'mod sħiħ li jirrifletti dik l-importanza;

F'dan il-każ jidher illi n-notifika ta' l-avviż tal-kawża huwa ċertament żbaljat inkwantu r-riferta bid-data ta' April, 1987 ma tistax tkun korretta għaliex dik id-data tipproċedi b'xahar il-preżentazzjoni ta' l-att promotorju fir-Reġistru. Dan il-fatt inġieb a formali konjizzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti b'rikors tal-konvenut tas-7 ta' Marzu, 1988, li ġie degretat mill-Qorti f'dan it-termini:

"Rat ir-rikors,

Tagħmel riferenza għad-digrieti tagħha preċedenti fil-kawża msemmija;

Tiċħad it-talba tar-rikorrent";

Riferenza għad-digriet preċedenti però ma tindikax ir-

raġunijiet għaliex din ir-riferta żbaljata tan-notifika ta' l-avviż tal-kawża, m'għandhiex iġġib bħala konsegwenza, in-nuqqas ta' notifika skond il-liġi u għalhekk il-ġustifikazzjoni tan-nuqqas tal-konvenut li jagħmel nota ta' eċċezzjonijiet, u l-affermazzjoni ta' dritt tiegħu li jiddefendi ruħhu fil-kawża biex il-Qorti tkun fil-posizzjoni li tosserva l-prinċipju fundamentali tal-ġustizzja proċedurali *audi et alteram partem*. U huwa manifest illi biex dan il-prinċipju ma jiġix applikat irid ikun hemm raġunijiet ċari u univoċi li effettivament il-konvenut irrinunzja għal dak id-dritt tal-kontumaċja tiegħu għall-ordni tal-Qorti biex jidher u jirrispondi għall-ġudizzju. L-interess li wera l-konvenut, ir-rikorsi tiegħu biex jitlob li jiddefendi ruħu, matul proċess li dam sejjer ħdax (11)-il xahar, juru li l-konvenut ma ġiebx ruħu in konformità ma' l-ispirtu ta' indoċilità, disubbidjenza, kontumelja u renitenza li huma l-karatteristiċi tal-konvenut kontumaċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tirrevoka d-digriet tas-26 ta' Ottubru, 1987 li bih l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat lill-konvenut kontumaċi, kif ukoll id-digriet sussegwenti bbażati fuqu u għalhekk tirrevoka wkoll is-sentenza tat-12 ta' Settembru, 1988 ibbażata fuq l-istess kontumaċja tal-konvenut u tibgħat lura lil dik l-Onorabbli Qorti Ċivili, l-atti proċesswali biex wara li l-konvenut jippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu u d-dikjarazzjoni ġuramentata skond il-liġi, tgħaddi għas-smigħ u d-deċiżjoni tal-kawża;

Spejjeż ta' din l-istanza għall-attur appellat.